# Dawn l-ismijiet strambi ta' nies barranin min jaħbtu?

***Paul Spiteri 29/IV/2010***

Meta noqogħdu nagħtu kas tal-ismijiet tat-toroq tal-lokalitajiet li ngħixu fihom, ħafna drabi ninnotaw li xi toroq huma msemmijin jew għal xi qaddisin, ġieli għal ismijiet ta' fjuri jew għasafar u ġieli jkunu ismijiet ta' oġġetti tekniċi li qajla nkunu nafu xi jfissru. Fil-każ tal-lokalità tal-Fgura ninnotaw li apparti l-ismijiet tal-qaddisin, tal-fjuri u għasafar hemm ismijiet ta' toroq imsemmija għal nies Maltin u nies barrinin li jkun għamlu isem. Madankollu ħafna drabi ma nkunu nafu xejn dwar dawn il-persuni jekk ma jkunx hemm xi ħadd li jispjegalna.

Għalhekk, fuq suġġeriment ta' sieħbi, Kenneth, li hu wild il-Fgura, qtajt li nagħti xi tagħrif fuq sitta minn dawn il-persuni, li isimhom iżejjen it-toroq tal-Fgura. Għażilt dawn is-sitta għaliex kollha għandhom konnessjoni bejniethom. Kollha kienu arkitetti militari tal-Ordni. Dawn huma Mederico Blondel, Romano Carapecchia, Baldassare Lanci, Vincenzo Maculano da Firenzuola, Francois de Mondion u Maurizio Valperga.




**1.Mederico Blondel (1628-1698)** kien l-Inġinier tal-Ordni li nħatar biex jagħmel rapport estensiv dwar l-Imdina wara t-terremot li kien sar fil-11 ta' Jannar 1693. Fir-rapport tiegħu Blondel stqarr li t-terremot kien il-kawża tal-waqgħa jew tal-ħsara kbira lil ħafna bini, (fosthom il-Katidral l-Antik), li apparti li kien qadim ħafna, kien ġie mitluq u abbandunat għal żmien twil.

Mederico Blondel kien l-arkitett militari li laħaq wara Francesco Buonamici. Fost ix-xogħlijiet li ddisinja jissemmew il-faċċata tal-Knisja ta' Ta' Ġieżu (1689), il-Knisja ta' Ta' San Franġisk ta' Putirjal (1681) u l-Knisja ta' Santu Rokku (1681) it-tlieta fil-belt Valletta, il-Knisja tal-Karmelitani fl-Imdina (1672) u kien involut ukoll fit-tfassil mill-ġdid tal-Berġa tal-Italja kif ukoll il-knisja marbuta magħha ta' Santa Katerina tal-Italja. Iżda r-rabta li għandu Blondel mal-inħawi tal-Fgura hi li dan Blondel kien l-arkitett ewlieni li kellu f'idejh l-inkarigu li jissorvelja u jmexxi x-xogħlijiet tas-swar tal-Kottonera imfassla minn Maurizio Valperga. Blondel kien involut ukoll fix-xogħol tal-bini tal-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat u tal-Knisja ta' San Publiju fil-Floriana flimkien ma' Lorenzo Gafa. Kurjuż il-fatt li dan Blondel fassal ukoll knisja fil-Qrendi ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena Divina u li flokha kien jeżisti r-raħal medjevali ta' Ħal Lew. Din il-knisja se tibda tiġi rrestawrata mill-Għaqda Din l-Art Ħelwa.

Blondel kellu ħuh Francois li kien arkitett magħruf f'Pariġi.




**2. Romano Carapecchia** Il-perit Romano Carapecchia (1668-1738) sar il-perit ewlieni tal-Ordni fl-1706. Carapecchia daħħal f'Malta ċerta eleganza arkitettonika – dik marbuta mal-istil Barokk. Carapecchia kien ukoll funtanier – dan ifisser li kellu jagħmel rapporti fuq ġibjuni pubbliċi u l-provvista tal-ilma fil-Belt Valletta. Filfatt fir-rapport tiegħu kien sab li kien hemm 6 ġwiebi f'Sant Iermu, 11-il ġibjun pubbliku, u 1637 bir jew ġiebja privati kollha fil-Belt Valletta f'Sant' Iermu.

L-istil Barokk kien diġà jinħass sew f'Malta:



Il-Knisja ta' San Ġakbu fil-belt Valletta
disinn ta' Carapecchia



Il-Knisja ta' Santa Barbara, fil-Belt Valletta
xogħol Carapecchia



It-Teatru Manoel minn ġewwa
xogħol Romano Carapecchia

- Fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann minn ġewwa
- Fil-Palazz Maġisterjali (tal-Granmastru) minn ġewwa
- Fl-entratura tal-Berġa tal-Italja.
-

Carapecchia ħadem fuq faċċati oħra:
Bena l-Knisja ta' San Ġakbu (lestieha fl-1710) - *ritratt lemin.*

Biddel il-faċċata u l-portiku tal-Knisja ta' Santa Katarina tal-Italja(1713)

Fl-1718 bena l-Knisja tal-Madonna tal-Pilar (1693 kienet waqgħetilha l-koppla bit-terremot )
Fl-1714 Carapecchia ddisinja l-knisja u l-kunvent ta' Santa Katarina fi Strada San Giorgio (illum Triq ir-Repubblika)

Carapecchia ddisinja mill-ġdid l-entratura tal-Palazz Maġisterjali li qabel kienet tagħti għall-armerija imma llum tagħti għas-Sala tat-Tron

Carapecchia kien responsabbli wkoll mill-bini tat-Teatru Manoel kif ukoll mill-Palazzo Spinola fil-Bajja Spinola u mill-knisja ta' Santa Barbara fi Triq ir-Repubblika l-Belt. Skont Denis de Lucca li xi snin ilu kiteb ktieb bl-Ingliż bl-isem ***Carapecchia: Master of Baroque Architecture in Early Eighteenth Century Malta*** Carapecchia iqisu bħala wieħed mill-aqwa arkitetti tal-barokk li ħadem u għex f'Malta u

li ta sehem kbir biex Malta tqarreb iktar lejn l-Ewropa fejn tidħol l-Arkitettura.

- Madankollu wieħed mill-isbaħ xogħlijiet attribwiti lil Carapecchia u jinsab qrib ħafna tal-Fgura hu l-Bieb magħruf uffiċjalment bħala Bieb ta' Notre Dame de la Grace. Dan kien issejjaħ hekk minħabba li jħares lejn Ħaż-Żabbar – lokal li hu ddedikat lill-Madonna tal-Grazzja. Dan jissejjaħ bil-Malti bħala Bieb is-Sultan. Huwa wieħed mis-7 daħliet li jagħtu għas-swar tal-Kottonera. Dan il-bieb hu x'aktarx l-isbaħ bieb bi stil barokk li għandna f'Malta. Jiddomina fil-għoli hemm bust tal-Granmastru Nikol Cottoner li kien ta bidu għal dan il-proġett kbir ta' swar fl-1675.




- *3. Baldassare Lanci* **(1510 – 1571)** minn Urbino fl-Umbria fl-Italja, ġie Malta x'aktarx fis-sena 1571 jew forsi ħarira qabel wara l-mewt ta' arkitett ieħor Taljan bl-isem ta' Bartilew Genga.

Meta l-Kavallieri ta' San Gwann ġew Malta huma ħadu f'idejhom ir-raħal tas-sajd tal-Birgu biex joqogħdu fih minħabba l-qrubija li dan għandu għall-Port il-Kbir. Il-Forti Sant Anġlu min-naħa waħda lil dan il-villaġġ iżda n-naħa l-wiesgħa tiegħu li tħares lejn in-nofsinhar kienet miftuħa beraħ għall-attakki tal-għadu li setgħu jinqalgħu. L-iktar biċċa xogħol urġenti li kellha ssir kienet li tissaħħaħ din in-naħa. Fl-1536 beda x-xogħol bil-bini ta' swar dritti u żewġ bastjuni u fuq dawn il-bastjuni nbnew żewġ torrijiet-kavallier biex tkun imħarsa sewwa din in-naħa. Fuq kull torri-kavallier kien hemm batterija ta' kanuni lesti biex jisparaw fuq attakki tat-Torok.

Kull taqsima mit-tmienja li kellha l-Ordni kellha tieħu ħsieb tiddefendi xi parti minn dawn is-swar fil-Birgu. Ix-xogħol kompla sejjer fis-snin ta' wara. Dan il-proġett kien inbeda mill-arkitett militari Antonio Ferramolino u meta dan telaq minn Malta ħa postu dan Baldassere Lanci li temm dan il-proġett xi snin wara l-Assedju l-Kbir.

Il-proġett kellu wkoll swar u nofs bastjun li kienu jħarsu lejn il-Kalkara. Quddiem dawn is-swar tħaffer foss li kien ta' siwi kbir għall-Maltin u l-Kavallieri meta t-Torok attakkaw lill-Birgu minn din in-naħa fl-Assedju l-Kbir.

Matul ħajtu ta sehem kbir fit-titjib li sar fi żmienu fil-port ta' Livorno, ngħata l-inkarigu li jistħarreġ is-swar ta' Ruma u swar ta' bliet oħra qrib bħal Ancona, Civitavecchia u Ostia u tqabbad biex jibni s-swar tal-belt ta' Siena u ta' bliet oħra minn Cosimo I de Medici.

Interessanti nsemmi li dan Lanci kien disinjatur eċċezzjonali ta' settijiet teatrali komplikati ġo Firenze fejn kien juża għadd ta' mekkaniżmi kumplikati fosthom kien jaqsam il-palk fi tlieta u kull waħda minn dawn kienu jduru u jinħolqu xeni differenti f'qasir żmien.




**Vincenzo Maculano da Firenzuola** Dan kien patri Dumnikan u kien ukoll inġinier militari magħruf ħafna. Kien involut fit-tfassil tas-swar ta' Genova meta kien inkwiżitur ta' din il-belt. (1627-29) Hu rrestawra l-Castel Sant' Angelo f'Ruma. Ġie Malta fl-1638 u fassal is-swar imsemmija għalih fuq l-għolja ta' Santa Margerita li kellhom iħarsu t-tlitt ibliet tal-Kottonera. L-ewwel ġebla tqiegħdet fit-30 ta' Diċembru 1638 mill-Granmastru Lascaris. Iżda x-xogħol ma damx ma waqaf minħabba li l-ispiża kienet se tkun għolja wisq kif ukoll minħabba li saret pressjoni biex il-proġett tas-swar jasal fi tmiemu. Ix-xogħol tas-swar ta' Firenzuola tkompla fi żmien il-Granmastru Perellos fl-1720 u ntemm fl-1736 fi żmien il-Granmastru Antonio Manoel de Vilhena taħt it-tmexxija tal-inġinier Mondion. Ix-xogħol dam b'kollox 98 sena biex intemm.

Interessanti ngħidu li dan Vincenzo Maculano da Firenzuola fl-1633 kien l-inkiżwitur maħtur

mill-Papa Urbanu VIII fil-kwistjoni li kellha l-knisja kontra Galileo Galilei bil-ħsieb li jsibu lil Galilei ħati ta' ereżija. Il-knisja kienet qed tisħaq li d-dinja hi ċ-centru tal-univers meta fil-fatt Galilei u għadd ta' xjenzati oħra kienu qed jisħqu fuq it-teorija ta' Koperiku li d-dinja ddur max-xemx. F'ittra, li l-moħħ warajha kien dan Vincenzo Maculano da Firenzuola, u li nkitbet fit-22 ta' April 1633, kien kiteb li l-Papa (Urbanu VIII) kienet inkwetat mhux ftit dwar saħħet Galileo Galilei. Dan Firenzuola kien mitlub mill-Papa biex is-sentenza tinqata' malajr minħabba d-dgħufija ta' saħħet Galilei. Fis-sentenza kien hemm miktub li Galilei għandu jinżamm taħt arrest domiċiljari (f'daru stess – jiġifieri "house arrest" ngħidu bl-Ingliż) u mhux kif ħafna jaħsbu li Galilei kien intbagħat il-ħabs u li ġie ttorturat biex jiċħad solennement l-istqarrijiet tiegħu. Kemm il-Papa kif ukoll għadd ta' mħallfin ma ffirmawx din is-sentenza. Wara 350 sena l-Knisja Kattolika ammettiet li kienet żbaljata u neħħiet kull akkuża minn fuq Galileo. (ara www.ad2000.com.au/articles/2003/oct2003p4_1452.html au)






*Il-Bieb Ewlieni tal-Imdina imfassal minn Mondion maħsub biex juri l-kobor tal-Ordni u tal-Granmastru*

**Charles Francois de Mondion (1681-1733)** kien inġinier militari Franċiż li kien ġie l-ewwel darba f'Malta fl-1715 biex jagħti l-pariri tiegħu dwar id-difiża u s-swar flimkien ma' għadd ta' inġiniera Franċiżi mmexxija mill-inġinier Rene Jacob De Tigne fi żmien il-Granmastru Perellos. Wara l-mewt tar-Re Franċiż Luiġi XIV, De Tigne ssejjaħ lura f'pajjiżu. Minħabba li Mondion kien id-deputat ta' De Tigne, ir-responsabbilta' tat-tmexxija tal-inġiniera Franċiżi waqgħet fuqu. Minn żjara f'Malta li suppost damet ftit xhur, Mondion dam 18-il sena jaħdem f'pajjiżna sakemm miet fl-1733. Fost l-ewwel xogħlijiet li għamel Mondion kien it-tieni torri ta' Marsalforn. Dan m'għadux jeżisti.

Sadattant fl-1722 miet il-Granmastru Perellos u floku laħaq il-Granmastru Manoel de Vilhena. Dan il-Granmastru ħatru kavallier ta' grazzja u poġġieh bħala Kummissarju tax-Xogħlijiet tal-Ordni. L-ewwel biċċa xogħol li tqabbad jagħmel Mondion kien l-ippjanar mill-ġdid tad-daħla tal-Imdina.

Mondion fil-fatt iddisinja:
1) l-Bieb Ewlieni tal-Imdina,
2) il-Palazz Maġisterjali li jinsab fuq il-lemin hekk kif tidħol mill-Bieb Ewlieni tal-Imdina, illum jissejjaħ Palazzo Vilhena,
3) Il-Corte Capitanale li hu l-bini tal-Qorti tal-Imdina li jagħmel parti mill-blokk ta' Palazzo Vilhena,
4) Il-Banca Giuratale
5) it-Torri tal-Istandard
6) il-Knisja ta' Santu Rokku fl-Imdina u
7) Bieb il-Griegi. Dawn il-binjiet taw wiċċ ġdid barokk lill-Imdina.

Dawn ix-xogħlijiet ta' Mondion juru l-influwenza tal-istil Barokk Franċiz ta' dak iż-żmien.

Mondion ma ħadimx biss fuq il-proġett tal-



*Il-Bieb ta' Santa Liena*

Imdina iżda għamel xogħlijiet oħra li ħallew marka fuq l-ambjent mibni difensiv li għandna f'pajjiżna. Kien ixxurtjat li sab Granmastru li kien intraprenditorjali u li kellu viżjoni wiesgħa għad-difiża ta' Malta. Mondion iddisinja wkoll il-bini fil-Furjana magħruf bħala Conservatoria. Dan kien inbena bħala istituzzjoni soċjali mill-Granmastru Manoel De Vilhena biex fih bniet fqar jiġu mgħallma għadd ta' snajja u ħiliet kif ukoll jiksbu l-ħiliet bażiċi tal-qari u l-kitba u meta jaslu għall-eta' taż-żwieġ ikollhom flus biżżejjed għad-dota. Dan il-bini għamel żmien jissejjaħ Casa d'Industria u llum jintuża mill-Pulizija ta' Malta bħala l-Kwartieri Ġenerali tagħhom.

Mondion ħalla l-marka tax-xogħlijiet tiegħu fil-Bieb ta' Sant'Anna (illum m'għadux hemm), il-Bieb tal-Bombi (1721) u fin-naħat tal-Kottonera, il-Bieb ta' Santa Liena, tul is-swar ta' Santa Margerita (1736), f'Bormla; il-Bieb Avvanzat fil-Birgu (1722) u l-Couvre Porte li hemm warajh (1723). Il-bieb ta' Santa Liena, li jħares lejn il-Fgura, kellu jkun parti mis-swar ta' Santa Margerita iżda meta kienu qed jinbnew dawn is-swar ma kienx hemm flus biżżejjed biex jinbena dan il-bieb sabiħ. Meta ġew l-inġiniera Franċizi, immexxija minn De Tigne, kienu rrakkomandaw li x-xogħlijiet fuq dawn is-swar jaslu fi tmiemhom u għalhekk Mondion kien tqabbad għal dan il-proġett ukoll u ddisinja dan il-bieb.

Iżda l-iktar u l-isbaħ xogħol li għamel Mondion huwa l-bini ta' Forti Manoel fuq il-Gżira Manoel (Manoel Island)(1723-32). Minn dejjem inħasset il-ħtieġa li fuq il-Gżira Manoel tinbena xi forma ta' fortizza għax jekk kien jiġi l-għadu u jibni batterija fuq din il-gżira seta' jibbumbardja lill-Belt bla wisq diffikulta'. Mondion iddisinja dan il-forti li kien jitqies bħala l-mudell ta' kif għandu jinbqna forti. Wieħed jista' japprezza l-ġmiel ta'



*Forti Manwel mill-ajru*

dan il-forti mill-għoli ta' xi ajruplan. Mondion kien iddisinja wkoll il-kappella ta' Sant'Antnin li kien hemm f'dan il-forti. Din intlaqtet sewwa fil-Gwerra l-Kbira. Mondion hu midfun fil-kripta ta' din l-istess kappella.

Binjiet oħrajn li ddisinja Mondion huma l-Palazzo Leone, f'Santa Venera u l-Banca Giuratale fit-Tokk tar-Rabat t'Għawdex.




**Il-Konti Antonio Maurizio Valperga** Dan kien inġinier militari minn Turin. Ġie Malta fi Frar tal-1670 tul it-tmexxija tal-Granmastru Nikol Cotoner. Kien hu li approva l-pjan li jirranġa u jtemm il-proġett tas-swar li kien fassal Pietro Paolo Floriani fil-Floriana. Hu kien iddisinja żieda ta' swar fejn illum hemm "il-Park and Ride" fil-Floriana.

Madankollu l-ikbar proġett li fassal kienu s-swar tal-Kottonera kif ukoll il-Forti b'saħħtu fid-daħla tal-Port il-Kbir magħruf bħala Forti Ricasoli. Is-Swar tal-Kottonera kellhom jinbnew biex joħolqu

spazju kbir biżżejjed biex iservi ta' kenn għan-nies tal-kampanja f'kas ta' gwerra jew assedju. Dan il-biża' ta' assedju jew gwerra tnissel meta t-Torok fl-1669 ħatfu taħt idejhom il-gżira ta' Kreta. Il-Kavallieri ħasbu li t-Torok issa kienu se jixħtu ħarsithom fuq Malta.

Dan il-proġett kbir kien approvat mill-Granmastru Nikol Cotoner u kien jikkonsisti fi tmiem bastjuni (sur ġej għall-ponta) u żewġ bastjuni iżgħar u bejn kull bastjun purtiera ta' swar. Kull bastjun kellu jiżżejjen b'bieb dekorattiv. Dan il-proġett enormi jista' jiġi apprezzat u gawdut mill-ajru. Minħabba l-kobor ta' dan il-proġett u l-ispiża biex jitwettaq, il-proġett ma nbeniex kollu. Ix-xogħol fuqhom beda f'Awwissu tal-1670 u baqa' għaddej bla waqfien għal għaxar snin, sal-mewt tal-Gran Mastru fl-1680. Sa dak iż-żmien il-fondi allokati għall-proġett kienu ntużaw kollha u l-Gran Mastru l-ġdid il-Granmastru Carafa ordna l-waqfien tax-xogħol. Minħabba f'hekk, diversi binjiet proposti fid-disinji oriġinali ta' Valperga qatt ma ngħataw il-ħajja. Il-proġett tħalla abbandunat għal ħafna snin, sakemm fis-seklu 18 sar sforz biex ix-xogħlijiet jitlestew.

Uħud minn dawn il-bibien dekorattivi ġew ri-disinjati minn Romano Carapecchia. L-iktar bieb magħruf fost dawn hu l-Bieb magħruf bħala Notre Dame de Grace fejn jidher fil-għoli bust tal-Granmastru Nikol Cotoner. Kemm dawn is-swar kif ukoll il-bibien ta' magħhom kellhom jidhru monumentali fid-daqs tagħhom biex jagħtu impressjoni tal-qawwa militari tal-Ordni.



*Il-Forti Ricasoli imfassal minn Maurizio Valperga*

Kieku l-poplu tal-Fgura u aktar u aktar il-poplu Malti u Għawdxi jsir jaf iktar fuq dan il-wirt li ħallewlna dawn l-arkitetti barranin, li isimhom hu mniżżel fl-ismijiet tat-toroq tagħna, kieku żgur ikun hemm inqas vandaliżmu fuq dan il-wirt dinji. Wara kollox dan il-wirt diġa' għandu għadu kbir fl-elementi tan-natura bħax-xemx li ddawlu, u r-riħ li jfarfru u jgħawwar fih, iżda żgur li l-ikbar ħabib u l-ikbar għadu jaf ikun il-bniedem li jaf isebbħu, isir jaf fuqu u jagħmlu magħruf ma' ġnus oħra permezz tat-turiżmu, iżda jista' jħassru bin-nuqqas ta' interess u l-vandaliżmu li jista' jsir fuqu. Wara kollox kienu missirijietna Maltin li bdewhom u sawruhom b'ħila iżda nafu nkunu aħna stess li neqirduhom bl-indifferenza, nuqqas ta' tagħlim jew vandaliżmu li nafu noħolqu.

Tagħrif miġbur mill-Internet kif ukoll mill-ktieb maħruġ mill-Midsea Books bl-isem ta' Malta – The Baroque Island ta' Quentin Hughes u Conrad Thake.



*Is-swar tal-Kottonera li huma s-swar ta' barra nett, bit-8 bastjuni ppuntati u l-purtieri ta' swar bejniethom*